PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
AVVIŻI 28 TA' LULJU 2019

Dgħajjes
Peress li ser jinħaraq in-nar minn fuq il-baħar is-Sibt u l-Ħadd tal-festa navżaw lill-propjetarji tad-dgħajjes biex ineħħu d-dgħajjes tagħhom skont kif jidher fl-avviż u l-mappa ta' Trasport Malta.

Lejlet il-Festa
Is Sibt 27 ta' Lulju 2019 lejliet il-festa, jkun hawn quddiesa fil-5:30pm fil-Knisja Parrokkjali u fis-7:30pm tibda l-quddiesa fuq is-simenta. Inħeġġukom sabiex nattendu.

Jum il-FESTA ta' SANT'ANNA
Il-Ħadd 28 ta' Lulju 2019 fid-9:15am tibda l-quddiesa tal-festa u fis-7:00pm tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anna. Nitolbukom tħallu r-rotta tal-purċissjoni aċċessibbli u mingħajr karozzi. **Fil-bidu tal-purċissjoni ser nitolbu t-talba tar-Rużarju. Mistiedna wkoll in-nanniet, l-ommijiet bit-trabi fil-ġuf u l-familji li jixtiequ jkollhom it-tfal bl-interċessjoni ta' Sant'Anna. Fl-10.00pm ninġabru fuq iz-zuntier għall-mument ta' talb qabel l-istatwa ta' Sant'Anna tidħol fil-knisja parrokkjali.**

Camino ġewwa Santiago
Nawguraw u nitolbu għall-grupp ta' 34 persuna, li sejrin mixja pellegrinaġġ bi skop spiritwali f'Santiago fi Spanja, bejn il-31 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu 2019.

Quddiesa fid-9:00am
Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Il-Ġimgħa 2 ta' Awwissu 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

Dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa
Il-Ħadd 4 ta' Awwissu 2019 fid-9:15am quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-niċċa.

Fuljett 'Flimkien'

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Awwissu 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.